Jekk wiehed iqalleb id-dizzjunarju ta' Aquilina isib li d-definizzjoni ta' kultura hija ; edukazzjoni ta' livell gholi, u dan il-punt igibna mal-ewwel ghal punt fejn irridu naslu. Il-kultura tgholli l-edukazzjoni tal-poplu li jghix f'din il-Gzira, ghalhekk niddiskrivi l-Kultura bhala skola kontinwa u ghall-kulhadd.

## L-involviment u l-istimolu kulturali mahluq fl-ahhar ghaxar snin mill-Kunsilli Lokali fil-lokalitajiet Ghawdxin… jista' jsir akatar?

Il-Kunsilli Lokali twaqqfu biex jibqghu, illum il-gurnata hadd minna ma jimmagina li l-belt jew ir-rahal tieghu minghajr Kunsill Lokali. Il-kelma decentralizazzjoni jew Kunsilli Lokali tfisser li d-decizjonijiet fuq il-lokalitajiet taghna jittiehdu mill-bazi, mill-erqugh. Imxejna sabiex id-decizjonijiet ma jittiehdux biss minn Kastilja imma dawk id-decizjonijiet li l-aktar jiltqtuna jittiehdu minn nies li niltaqghu maghhom u nghixu maghhom kulljum. Kull tlett snin ahna neliggu lill dawk li f'isimna jridu jiehdu d-decizjonijiet ghalina. Jien li ghandi l-esperjenza mill-bidu tal-Kunsilli, nara differenza kbira bejn hdax il-sena ilu u illum. Pajjizna kiber u mexa 'l quddiem u l-istess ghamlu l-Kunsilli Lokali. Fil-bidu l-kunsilli Lokali kellhom l-aktar xoghol baziku, illum ix-xoghol tal-kunsilli evolva bil-kbir, ghalkemm jekk inharsu lejn pajjizi ohra baqalna hafna u hafna aktar fejn naqdfu. Insomma hallina minn kemm ghandha tikber l-awtonomija lokali, dan m'huiex is-suggett taghna tall-lum imma meta nibda nitkellem fuq dan is-sugett nisker ghax verament nemmen li rridu naghtu aktar nifs bil-fatti lill-Kunsilli Lokali.

Is-suggett tal-lum huwa hafna relatat pero, L-involviment u l-istimolu kulturali mahluq fl-ahhar snin mill-Kunsilli Lokali fil-lokalitajiet Ghawdxin…u l-mistoqsija jista' jsir aktar.

Ha nibda mill-passat; qabel inholqu l-Kunsilli Lokali, irridu nghidu u nirrikonxxu li f'dan il-qasam il-parrocci, ic-centri parrokkjali l-kazini tal-baned u anke l-ghaqdiet volontari ghandhom mertu kbir. Kienu huma li b'hafna sagrificcji u mhabba vera zammew hajja l-Kultura fil-Gzira taghna. Jien nghid li ahna f' Ghawdex ghandna diversi vantaggi fuq shabna ta' Malta u dan ghaliex konna kapaci nzommu is-*sense of*

*pride* tal-lokaltitajiet taghna. Il-kompetizzjoni hija *healthy* specjalment ghal dan il-qasam. Il-Kunsilli Lokali kienu u huma strumentali sabiex dan is-*sense of pride* inghata aktar valur. Illum ahna l-Kunsilli Lokali nemmnu li ahna d-difensuri ta' l-identita' partikolari taghna. Fl-Unjoni Ewropea il-kuncett ta' l-identita' jinghata mportanza kbira, ghaliex l-unjoni Ewropea hija maghmula minn stati membri, kollha b'kulturi u identitajiet partikolari li jaghmlu minn din l-ewropa kontinent, mimmli kuluri u hajja. L-istess nistghu nghidu ghall gziritna, kieku f' Ghawdex ma ghandiex erbghatx l-identita' differenti kieku nispiccaw ghandna gzira monotona li mhux biss ma thajjarx nies li jigu jzuruna imma ahna stess li nghixu hawn nibdew inhossuha difficli. Biex nigu ghall konkret; qed nisfruttaw bizzejjed dawn l-erbataghax l-identita' partikolari? Jekk ikolli nhares mill-qasam tal-Kunsilli Lokali naf illi iva l-Kultura ghalkemm m'hijiex wahda mir-responsabilitajiet diretti taghna pero xorta wahda qed tinghata mportanza u jekk ikolli nghid priorita'. Kienu diversi dawk il-Kunsill li sostnew dak li sabu (xi haga mportanti hafna) u wkoll komplew jibnu fuq dak li sabu, bl-inolviment dirett ta' dawk l-ghaqdiet li huma n-nifs tal-Kultura u l-irhula taghna.

Il-kultura hija s-sinsla tas-socjeta kif rajna qabel il-kultura tikxef l-identita partikolari tal-pajjiz u fil-kaz taghna tal-gzira , aktar milli tikxef nghidu timmarka. L-marka kulturali taghna bhala Ghawdxin ghandha piz enormi mhux biss ghall aspett socjali imma wkoll ekonomiku u f'dan il-qasam nemmen li kienu hafna dawk kunsilli Ghawdxin li gharfu l-importanza ta' dan l-aspett. Kienu diversi dawk il-Kunsilli Lokali li investew fil-kultura sabiex fl-istess hin ikunu qed jghinu lill-ekonomija. Il-Kunsilli Lokali gharfu l-valur tal-Kultura u ghamlu l-mistoqsija lillhom infushom ghaliex it-turisti u l-maltin jaghzlu lill-ghawdex...xemx ghandna bhal bqija tal-pajjizi l-ohra tal-mediterran....bahar ghandna bhal bqija...kollox ghandna bhal bqija....ghawdex huwa destinazzjoni distinta' ghaliex il-kultura hija partikolari. Ghalhekk il-Kunsilli Lokali meta gharfu li l-mistoqsija ghall generazzjoni akbar ta' l-ekonomija tal-Gzira tista' tkun l-Kultura taw aktar importanza lill identita' u lill dak li jghamilna Ghawdxin mill-lokalitajiet partikolari taghna, perezempju fost l-ohrajn inghatat importanza kbira lill-Karnival tradizzjonali. Kien hemm minn minna mar il-barra minn xtutna sabiex iwassal ukoll dan l-gharfien, qed nirreferi ghall karnival tan-

Nadur. Karnival iehor li fl-opnijoni tieghi ghamel avanz qawwi huwa il-karnival tax-Xaghra li rega ta spinta lill-Kumittiva li kienet issir f' Ghawdex kemm fix-Xaghra u anke f' San Lawrenz, insemmi wkoll l-karnival tax-Xewkija li ta spinta 'l quddiem lill-Karnival popolari mahluq minn nies tal-post li joholqu atmosfera mill-aqwa ta' spontanjeta'. Dawn il-Kunsill gharfu li l-barranin li jzuruna f'dawk il-jiem huwa dan it-tip ta' karnival li jridu jaraw fil-Gzira! Dak li ma jarawx fil-karnival ta' Rio jew ta' Venezja.

Nibza pero u hawnhekk irridu noqghodu attenti hafna li qatt ma ghandna nissagrifkaw il-Kultura ghall kummerc. Meta l-kultura ssir business titlef il-valur taghha, anke ahna l-Kunsilli Lokali rridu noqghodu attenti minn dan, irridu dejjem ingibu quddiem ghajnejna l-kuncett li ma rridux noqtlu l-papra li tbid il-bajd tad-deheb. Perezempju irridu nivvalorizzaw aktar lill ghaqdiet volontarji kulturali li ghandna mxerdin fl-irhula taghna. Noholqu aktar attivitajiet Kulturali matul is-sena nghinu u naghtu spinta lis-snajja hajja, bhal ma hija l-agrikultura tradizzjonali, l-haddieda, furnara tradizzjonali u ohrajn.

Jekk tippermettuli hawn hekk f'dan il-kuntest nixtieq li naghmel accen fl-opinjoni tieghi urgenti hafna u nixtieq li nwassal il-messagg lill Awtorita Maltija ghal Ambjent u l-ippjanar li hija responsabbli ghall pjan ta' struttura li qed jigi revidut bhalissa.

Nemmen li dan il-pjan ghandu jhares l-aspett kulturali ta' l-identitajiet partikolari, tghiduli kif? Semplici hafna, dan il-pjan irid izomm f'mohhu li huma n-nies fil-bliet u l-irhula li jsawru u jmantnu l-kultura mhux biss il-viswal estetiku tad-djar taghna, nibza li dan il-pjan hares biss lejn l-aspett estitiku f' dawn l-ahhar snin. Nibza u nghidha b'konvinzjoni li ghandna rhula zghar li dan il-pjan qed jifgalhom l-identita taghhom. L-irhula specjalment iz-zghar qed jimtlew b'nies tal-"passa" qed naghmlu dawn il-lokalitajiet bhala villagjatura meta jekk nidhlu fil-qofol ta' l-istorja ta' dawn il-lokalitajiet naraw li ghandhom storja enormi li jekk ikollna nergghu naghtuha l-hajja jfisser li nkunu qed noholqu mod iehor ta' kif nigbdu investiment u aktar nies lejn il-gzira taghna, bhal ma ghamlu hafna gzejjer ohra qrib taghna fil-mediterran. Nibza li jekk il-pjan ta' struttura mhux ser jiehu nkonsiderazzjoni ta' dawn l-affarijiet

inkomplu nitilfu in-nies tas-snajja li jzommu l-kutura hajja, qed nitilfu n-nies li habbew il-lokalita' u jaghmlu minn kollox sabiex izommu l-kultura hajja

Nkunu qed nipperikolaw li nitilfu dak li jsebbah li t-toroq taghna ghax l-Kultura qeghda wkoll fil-karattru ta dak l-anzjan jew rahhal li jirhilha fil-kampanja jirgha in-nghag, fil-karattru ta'dawk iz-zghazagh jistinkaw biex jaraw li l-attivitajiet ta' rahalahom jkunu success, fil-karattru ta dik ic-corma tfal li wara l-Ave Maria qed jilghabu l-passju fit-toroq taghna li jimlew triqatna bit-twerzieq infantili, fil-karattru ta' dik il-mara cekcek il-bizzila fuq il-bankina fil-granet tas-sajf. Dan hu l-karattru li anke l-istess Kunsilli Lokali naf li qed jaghmlu minn kollox biex izommuh haj u dan qed jaghmluh fl-organizzjoni ta' Jum il-lokalitajiet, iljieli sajfin, fis-sosten li jaghtu lill-festi patronali taghna, l-impenn taghhom li jergghu jaghtu l-hajja lill kulturi li llum intesew; fil-holqien ta' diversi gruppi folkloristici u ohrajn.

Aktar il-quddiem semmejt kemm hu sabih il-kontinent Ewropew ghaliex huwa kkulurit b'identitajiet partikolari. Il-Kunsilli Lokali Ghawdxin gharfu u qed jgharfu wkoll opportunita gdida ghal vizjoni usa ta' kultura. Qed nirreferi ghall-gemellaggi. Dawn il-gemellaggi qed jaghtu nifs gdid lill Kultura taghna, ghaliex qed jesponu din il-Kultura ghall apprezament akbar, xi kultant dawn il-barrnin li nistiednu fostna qed igbulna ghall attenzjoni taghna affarijiet li ahna warrabnihom ghall gemb. Bis-sahha ta' dawn l-iskambji qed ngharfu aktar il-valur tal-kultura taghna, u qed nindunaw aktar kemm il-kultura hija mportanti.

L-istess konferneza ta' dalghodu hija xhieda ta' dan, irrid nghid prosit u grazzi lill Kumitat Organizzativ Kultura fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex li ghall darb'ohra qed juri l-impenn tieghu b'risq il-Kultura u qed ilaqqa lill-i*stakeholders* kollha sabiex flimkien naraw kif b' kollaborazzjoni nistghu naghtu aktar timbru ta' kwatlita lill Kultura ghawdxija. Dan il-punt iwassalni ghall konkluzzjoni tieghi. Konkluzjoni li wkoll twasslni ghar-risposta tal-mistoqsija li hemm marbuta mas-suggett tieghi…jista' jsir aktar? U zgur li jista' jsir aktar!! Li semmejet qabel huma kollha turija li t-triq li qbadna bhala Kunsilli Lokali b'risq il-kultura hija t-triq it-tajba, pero jenhtieg li naghmlu aktar. Iva rridu naraw aktar kollaborazzjoni bejn l-i*stakeholders*